**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' April, 2018

Rikors numru : 226/17 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti zzewweg fit-3 ta' Otturbru tas-sena 1985, u minn dan iz-zwieg kellu zewg itfal , R li twieled fid-29 ta' Settembru tas-sena 1986 u S li twieldet fil-15 t'Awwissu tas-sena 1992 u ghalhekk, it-tnejn huma maggorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom de facto separata ghal aktar minn hames snin u legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Katya Farrugia Cachia mill-1 ta' Gunju tas-sena 2015 (DOK A);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni

bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati *defacto* minn xulxin ghal aktar minn hames (5) snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Otturbru tas-sena 1985 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha ddikjara illi:

1. Huwa jaqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors taghha tat-23 ta' Mejju 2017, il-kontendenti nfirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 1 ta' Gunju 2015 in atti tan-Nutar Dottor Katia Cachia, pero` ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba` snin; ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom, u kif premess mir-rikorrenti stess, ma jezisti ebda obbligu ta' manteniment bejn il-konjugi.

2. Tenut kont ta' dan, u tenut kont tad-dispost tal-Artikoli 66B, 66C u 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istanti jaqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fit-3 ta' Ottubru 1985; dan purche` jibqghu immutati d-drittijiet kollha tieghu naxxenti mill-att pubbliku datat 1 ta' Gunju 2015.

3. In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kienet ir-rikorrenti illi ghazlet li tipprocedi f'din l-istanza, huwa ma ghandu jbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni.

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Awwissu 2017;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal aktar minn erba` snin u legalment separati mill-1 ta' Gunju, 2015;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.